# Ħarsa lejn il-knejjes Maltin ta' dari

Jitkeb Guido Lanfranco



Sekli ilu, il-knejjes kienu aktar ċkejknin, bosta minnhom qishom dawk li għadna naraw fil-kampanja u l-bliet antiki. L-altari bosta drabi kienu tal-ġebel mal-ħajt, u aktarx neqsin minn kollox. Sikwit kien ikollhom ventaltari ta' l-injam impitter bħalma kien fl-1615 u fl-1769 b'ikona u b'targa ta' l-injam. Bħalma kienet drawwa fl-antik, kellna knejjes li kellhom purtieri jew bibien jisseparaw is-santwarju, jew il-parti ta' l-altar bil-presbiterju mill-kumplament tal-knisja, bħalma kienet ta' Ħal Millieri fis-seklu sbatax. Bosta knejjes ċkejknin kellhom bank tal-ġebel mad-dawra kollha; bankijiet bħal dawn kienu magħrufin bħala dikkiena jew dkieken; fost dawn ukoll dik tas-Salvatur li darba kien hemm fl-Imdina. Tal-Madonna taż-Żejt, ta' l-Għarb, bħal knejjes oħrajn, fl-1736 kellha ventaltar tal-ġilda impittra. Kien hemm knejjes li fihom kienu jgħixu għal żmien xi nies imfittxijin mil-liġi għal xi delitt li jkunu għamlu, għax il-knisja kienet tagħtihom protezzjoni; wieħed ħati saħansitra kien dam jgħix fil-knisja ta' Sant'Andrija taż-Żurrieq għal xi erbatax-il sena sħaħ! Imma billi dan id-dritt spiċċa minn ħafna knejjes, għadna naraw tabelli ta' l-irħam imwaħħlin ma' bosta knejjes tal-kampanja li jgħid Non gode l'immunità ecclesiastica, tfisser li ma tgawdix dik l-immunità tal-knisja.

Għall-ewwel il-knejjes kellhom bank tal-ġebel id-dawra kollha, jew in-nies kienu joqogħdu għarkobbtejhom fuq l-art imbattma jew taċ-ċangatura, u xi wħud iġibu banketta mid-dar jekk ma jkunx provdut bank. Kien hemm drawwa li l-art tal-knisja l-aktar f'okkażjonijiet speċjali, titgħatta bil-weraq tar-rand, jew liedna, ħarrub, larinġ, u l-kumplament; kien maħsub li dan iraqqad it-trab u l-briegħed u jtaffi l-irwejjaħ ta' l-għeluq. F'Santa Marija u f'Korpus, fl-Imġarr, kienu jifirxu tal-ħarrub, rand, u żahar. F'Sannat fuq iċ-ċangar kienu jqiegħdu weraq tal-ħarrub, larinġ u r-rand li kienu jixtru min-Nadur, u baqgħu jagħmlu dan ukoll meta ksew l-art bl-irħam, saħansitra sas-snin ħamsin. L-istess kien isir fl-Isla, mhux biss fil-knisja imma wkoll fit-triq tal-proċessjoni. Din id-drawwa tal-ħxejjex fl-art kienet komuni u regolari fil-knejjes kollha, l-aktar f'dawk fejn kien isir id-dfin, għax l-art kienet tkun miksija oqbra. F'Ħal Qormi, fi żmien l-Ordni, is-sanità kienet trid li jbixxu kuljum bil-ħall, u fil-festi jifirxu l-liedna.

Il-fonti tal-magħmudija ta' bosta knejjes kien ikun ta' l-irħam, jew tal-ġebel, mgħotti bl-injam għamla ta' piramida jew armarju. Ta' Sant' Elena, Birkirkara, tneħħielu l-għatu fl-1955 u qegħdulu statwi tal-

Kummissjoni Festa

maghmudija ta' Kristu. Fis-seklu tmintax ta' Sannat kien ħawt maqsum fi tnejn, parti bl-ilma mbierek f'Sibt il-Għid, u fl-oħra biex jaqa' l-ilma użat; l-għatu ta' l-injam kien miksi bil-ġilda mpittra.

F'dak is-seklu kienu jsiru l-hekk imsejħa missjonijiet fil-parroċċa, daqqa mill-Ġiżwiti , oħra mill-Kapuċċini. Iżda l-fidili ftit kellhom għażla jekk jattendux. F'Ħal Luqa, bħal eżempju, ħadd ma seta' joħroġ waqt il-priedki għax jeħel 6 irbgħajja, u l-ħwienet kellhom jibqgħu magħluqin għax jeħlu skud! Sa xi żmien ilu in-nisa bilfors kellhom jgħattu rashom, u f'xi knejjes, il-kappillani kienu jisseparaw in-nisa naħa u l-irġiel oħra fil-knisja. Konna naraw ukoll il-buluttini għat-tqarbina ta' l-Għid li kienu jitqassmu lill-parruċċani qabel, u meta ssir it-tqarbina jinbidlu ma' oħrajn bħallikieku riċevuta jew xhieda li t-tqarbina saret. Dawn spiċċaw wara l-Konċilju.

Kien hemm bosta ċerimonji fil-knejjes, l-aktar f'okkażżjonijiet speċjali, meta kienu jidħlu ħafna nies, għax il-foqra, li kienu l-maġġoranza tal-popolazzjoni, biex jisimgħu l-mużika u l-kant, biex jaraw ilbies rikk, tiżjin u funzjonijiet imlewna, bilfors fil-knisja kellhom imorru. Fil-katidral ta' l-Imdina, fost oħrajn, fl-Imnarja l-Ġurati kienu joffru blanduni mpittra; huma u l-ħakem kellhom ħames pultruni ġinokkjaturi mżejna bl-istemma ta' l-Universita'. Fil-katidral, sas-snin erbgħin, is-sagristani kienu għadhom jilbsu qalziet iswed tal-ħarir miġmugħ qasir u b'kalzetti twal suwed.

Fil-konkatidral ta' San Ġwann tal-Belt il-kampanologu mhux biss kien imħallas biex jidderiġi d-daqq tal-qniepen, imma wkoll biex il-fjakkoli li jixegħlu l-knisja jimtlew biż-żejt u jinxtegħlu, u biex jieħu ħsieb ix-xiri tal-weraq tal-palm u ż-żebbuġ għal Ħadd il-Palm. Kien obbligat ikun f'postu fil-knisja tul il-funzjonijiet kollha, biex matulhom jiġbed korda li ddoqq qanpiena fil-kampnari, sinjal lil dawk li jdoqqu l-qniepen. Hawn ukoll kienu jidħru xi individwi mibgħutin bħala kastig, bħalma darba fis-seklu sittax, l-inkwiżitur bagħat żewġ baħrin Ingliżi joqogħdu għarkobbtejhom tul il-funzjonijiet, bix-xemgħa f'idhom talli kielu laħam is-Sibt, jum ta' astinenza!

Fl-1796, wieħed vjaġġatur Peder Pavel, Norveġiż, mar f'San Ġwann mill-10 pm għal-lejl tal-Milied, u baqa' impressjonat bil-kumplessità taċ-ċerimonji tat-tliet quddisiet, elf xemgħa mixgħula, mitejn minnhom fuq kandelabru wieħed, il-mużika u l-korijiet, l-inċens, l-ilbies taċ-ċelebranti, il-fabelli u l-mitra tal-prijur, folol ta' nies tfal u kavallieri, sas-2 am. Mar ukoll f'San Pawl u f 'ta' l-Erwieħ. Fil-knejjes żgħar, bħalma kienet tas-Salvatur fl-Imdina fl-1692, għall-kontijiet tal-festa kienu jħallsu lill-kjeriċi li jkantaw, għax-xemgħat, għall-weraq aromatiċi li jifirxu fl-art, inċens, kiri ta' bankijiet u t-trasport tagħhom, kiri ta' damask għall-ħitan, għall-vespri u l-quddies, kif ukoll għall-isparar tal-maskli.

F'San Ġwann fi żmien kien hemm żewġ tronijiet bil-ġinokkjatur. Dak tan-naħa tal-vanġelu bil-bellus aħmar, għall-Gran Mastru, u l-ieħor għall-Arċisqof; meta spiċċat l-Ordni tal-Gran Mastru ħadu l-gvernatur.





Il-ġurati tal-Belt kienu jmorru San Pawl, imma l-isqof ma riedhomx jużaw damask aħdar għall-bank tagħhom. Imma fl-1707 Mario Testaferrata ma' tliet ġurati oħra ma' l-isbirri u l-gran Viskonti daħlu bid-damask aħdar biex jisfidaw u jqegħduh huma; wara nqala' inkwiet u ngħataw kastigi ħorox lill-ġurati.

Fil-knejjes l-antiki kont issib rikkezzi kbar, speċjalment fil-konkatidral ta' San Ġwann, fejn il-Gran Mastri, skond ir-regolamenti tagħhom kienu obbligati jagħtu settijiet ta' paramenti u oġġetti ta' preġju għall-knisja tagħhom, sa ħames snin wara li jiġu eletti; jekk le, kienu jitilfu xi privileġġi. Bħala eżempju ieħor nistgħu nsemmu l-Lunzjata tad-Dumnikani tal-Birgu.

Fis-seklu sittax jissemmew il-kandlieri, ventaltari, kalċijiet, pjaneti, trieħi, damaskijiet, tuniċelli, ċensier u navetta, slaleb, baldakkin u standard tal-ħarir għat-tiġijiet (għax fit-tiġijiet kienu jużaw il-baldakkin) u l-kumplament. Ukoll pissidi ta' l-injam miksi bil-ħarir aħmar għall-ostji tal-Għid il-Kbir. Fl-1610, il-fratellanza tal-kandlora fl-istess knisja kellha minn kollox, u fost oħrajn erba' mħaded li jintużaw minflok leġiju, u żewġ anġli minflok kandlieri. Fl-istess żminijiet, id-Duminkani tal-Madonna ta' l-Għar tar-Rabat, kellhom ukoll minn kollox, inklużi anġli kbar indurati ħdejn it-tabernaklu, kandlieri tal-bronż, vażetti ta' l-injam indurati, bukketti ta' fjuri artifiċjali, impulluzzi tal-fidda. Il-fratellanzi fl-antik kollha kellhom l-oratorji u kappelli tagħhom mimlijin rikkezzi daqs dawk tal-knisja.

Meta ġie Napuljun kien ikkonfiska ħafna minn dawn biex jagħmilhom flus għall-armata tiegħu. Meta ġew l-Ingliżi rċevew domandi mingħand fratellanzi għar-ritorn tar-rikkezzi tagħhom; fosthom mingħand dik tal-Kunċizzjoni tal-Konventwali ta' Putirjal.

Fis-seklu dsatax, bosta mill-knejjes, jekk mhux kollha, bdew jagħmlu siġġijiet tas-sogħda, maħdumin f'Malta. Dawn kienu jaħarqulhom bl-inizjali tal-knisja jew tal-proprjetarju tagħhom fuq wara biex jingħarfu. Aktarx kienu jkunu tas-sagristan stess, u dan kien joħrog jiġbor iċekċek il-kopp waqt il-quddiesa, biex jitħallas tagħhom. Saħansitra niftaktu li jekk ituh sold kien inewwel sitt ħabbiet bqija; warajh kien joħrog jiġbor il-qassis bis-satla tal-fidda għall-knisja, u dan ma kienx jagħti bqija. Meta kien ikun hemm okkażjoni li għaliha se jiġu aktar nies mis-soltu is-sagristan kien jaqla' aktar.

F'San Bastjan ta' Ħal Qormi, bħala eżempju, kien ikun hemm tlieta min-nies jikru s-siġġijiet lil kull min jidħol għall-quddies tal-Ħadd; għal kuljum kien joqgħod wieħed biss. Il-flus kienu jmorru għall-ispejjeż tas-siġġijiet u l-bżonnijiet tal-knisja. Għadna niftakru sewwa meta f'xi knejjes is-sagristan u l-assistenti tiegħu kienu jżarmaw is-siġġijiet kollha mill-knisja, jistivawhom turrun wara l-bieb tal-knisja, u jekk trid toqgħod bilqiegħda għall-eżerċizzi tar-Randan ikollok ittih il-flus waqt li tkun dieħel.

Fil-knisja kont tara l-biċċa l-kbira tan-nies jużaw żewġ siġġijiet, wieħed bħala maqgħad, l-ieħor quddiem iserraħ l-idejn u fuqu xi basket,

imrewħa, kuruna jew missal. Ċerti knejjes ma kellhomx dawl elettriku fis-snin għoxrin u tletin. Għalhekk xi nies kienu jieħdu magħhom biċċa xemgħa, jixegħluha, iwaħħluha bi ftit qtar fuq xifer is-siġġu quddiemhom, biex jistgħu jaqraw il-missal.

Dik is-sogħda kienet bejta tajba għall-baqq, u kienet diffiċli biex teqridhom jekk jaħslu jitrabbew! Is-sagristan ġieli kien inaddafhom bil-pinzell u l-pitrolju. Il-ġbir fis-seklu dsatax ma kienx kuljum, u mhux kullimkien l-istess. F'Sannat, bħala eżempju, kellhom l-offerta tal-plattin, ġabra waħda ta' nhar ta' Ħadd, fejn kienu jinxteħtu ħbub biss. Fl-ewwel tas-sena l-ġabra kienet għas-sagristan u fl-ewwel ta' Novembru għall-erwieħ, imma fil-festi kmandati ma kienx hemm ġbir.

Qabel kien ikun hawn ħafna legati biex isiru quddisiet u ċelebrazzjonijiet tal-festi, mhux biss għall-parroċċi imma wkoll f'bosta knejjes ċkejkna. Fost bosta minn dawn insibu dawk għall-knisja tas-sorijiet Benedittini ta' l-Imdina fis-seklu tmintax. Hemm kellu jsir ħlas għall-funzjonijiet fil-jiem tal-karnival li jinkludu quddies kantat, mużika, priedki, qassisin, akkolti, dekorazzjoni, inċens, għall-pulptu misluf mill-Agostinjani, u weraq tal-ħarrub, palm u riħan.

Hemm mijiet ta' oġġetti, devozzjonijiet, funzjonijiet u drawwiet, uħud minnhom jidhru strambi, li kienu jsiru fil-knejjes tagħna, u li niftakru aħna stess, imma l-ftit li ktibt għandhom iservu ta' tifkiriet għall-anzjani u ta' interess għaż-żagħżagħ.




